**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit***

**Kumpilazzjoni Nru. 607/2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Darryl Borg)**

**-vs-**

**Joseph Muscat**

**Illum, 6 ta' Diċembru 2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża fil-konfront ta' Joseph Muscat iben Raymond u Rosalie nee' Baldacchino, mwieled l-Pieta' nhar il-21 ta' Awissu 1983 u residenti ġewwa 65, St James Res Quarters, Misraħ San Ġakbu, Żabbar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 420883M;

Akkużat talli nhar is-17 ta' Settembru 2021 bejn id-disgħa ta' filgħodu u l-għaxra ta' filgħodu (09:00hrs – 10:00hrs) fl-entratura ta' 'Is-Suq tal-Belt', Triq Merkanti, l-Belt Valletta u f'dawn il-Gżejjer;

1. Ikkommetta serq ta' e-scooter ta' l-għamla Xiaomi għad-detriment ta' Nina Dillingerova liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda anqas minn elfejn , tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329,37) u dan bi ksur tal-Artikoli 261 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qortu ġiet mitluba  illi f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat Joseph Miscat bħala li sar reċidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba biex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jekk ikun il-każ skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Daryl Borg, qara u ikkonferma bil-gurament l-akkuża fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 19 ta' Settembru 2021 quddiem din il-Qorti.

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti eżebiti u ċioe', stqarrija ta' l-imputat datata 17 ta' Settembru 2021 u immarkata bħala Dok DB1, Okkorrenza immarkata bħala Dok DB2, Fedina Penali ta' l-imputat immarkata bħala Dok DB3, Ċertifikat tat-Twelid tal-imputat immarkat bħala Dok DB4, Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali immarkat bhala Dok DB5 u *pre-sentencing report* immarkat bħala Dok MRF1.

Semgħet ix-xhieda ta' Mary Rose Farrugia datata 24 ta' Novembru 2021.

Semgħet l-ammissjoni tal-imputat għall-akkużi kollha kif dedotti kontra tiegħu u kif reġistrata quddiem din il-Qorti fis-seduta preseduta minnha nhar id-19 ta' Settembru 2021.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba tiegħu u tatu żmien xieraq biex jekk irid, jista' jerġa' lura minnha u fil-fatt huwa reġa' ikkonferma l-istess ammissjoni tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

Fuq ammissjoni tiegħu stess il-Qorti ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu.

Rigward il-piena, l-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni li l-ammissjoni ta' l-imputat għandha titqies bħala waħda bikrija stante li saret fl-ewwel opportunita' mogħtija lilu u cioe' meta nqrat l-akkuża u b'hekk l-imputat ma ħeliex il-ħin u r-riżorsi ulterjuri tal-Qorti.

Il-fedina penali ta' l-imputat mhix waħda feliċi. Huwa għandu diversi kundanni fosthom ta' serq, ksur tal-liġijiet tas-sewqan, dagħa fil-pubbliku, kundanna għall pussess sempliċi tad-droga kannabis, eroina u kokaina u feriti ta' natura ħafifa fuq persuna.

Mill-pre-sentencing report jirriżulta li l-imputat beda jabbuża mill-alkoħol fl-eta' ta' 12 il - sena u mill-eroina u kokaina bejn it-13 u l-14-il sena. Huwa jgħid li riċentament kien hemm okkażjonijiet fejn abbuża wkoll mis-Syntethic Cannabis, ta' 28 sena sar jaf li hu dijabetiku u qed jiġi wkoll segwit minn psikjatra. Tul il-perjodu li Joseph Muscat għamel il-ħabs jirriżulta li saru żewġ eżamijiet kontra l-abbuż mid-droga, wieħed meta daħal b'arrest li irriżulta pożittiv għall-kannabis u ieħor fit-30 ta' Settembru 2021 li rriżulta negattiv għal kull sustanza. L-imputat m'għandux sapport familjari iżda jirriżulta li għandu kapaċitajiet biex jekk irid jibdel ħajtu jibda jinserixxi ruħu fid-dinja tax-xogħol.

Il-Qorti taqbel mar-rakomandazzjoni tal-Ufficċjal tal-Probation Mary Rose Farrugia li l-imputat għandu jagħmel perjodu ta' żmien iservi sentenza ta' priġunerija effettiva u minn

hemm jitqiegħed taħt ordni ta' trattament, li l-Qorti tittama li din is-sentenza għandha sservi ta' tagħlima ghall-imputat biex jiddeċiedi darba għal dejjem li jibda paġna ġdida fil-ħajja tieghu u jirriforma ruħħu.

**Decide:**

**Il-Qorti wara li rat l-artikoli 261, 267, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ta' l-imputat issib lill-imputat Joseph Muscat ħati ta' l-akkużi kif dedotti kontra tiegħu u tikkundanna lill-imputat għal piena ta' seba' (7) xhur priġunerija effettivi li minnhom għandu jitnaqqas il-perjodu li l-imputat għamel bħala arrest preventiv.**

**Inoltre l-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li rat li l-ħati jabbuża mid-droga anke minn dak li ġie redatt fil-*pre-sentencing report* eżebit, qegħda tpoġġi lill-ħati Joseph Muscat taħt Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar mil-lum ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan bil-għan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u sabiex jiġi mgħejjun jegħleb kompletament il-vizzju tad-droga, liema ordni hija soġġetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digreit mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti intergrali minnha.**

Il-Qorti fissret lil Joseph Muscat, fi kliem ċar u li jinftiehem, l-iskop tas-sanzjoni fuq imposta b'din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk hu ma joqgħodx għal tali sanzjoni kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jingħatawlu in kwantu għall-Ordni ta' Trattament.

Il-Qorti spjegat lill-ħati fi kliem ordinarju l-import ta' din l-ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lid-Direttur 'Probation and Parole'.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Dr. Federico Barbaro-Sant**
**Deputat Reġistratur**